MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 464/2012

**AB**
**u**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti AB, li permezz tieghu ippremettew:

Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tnejn u ghoxrin (22) t'April tas-sena elf, disa mija u hamsa u disghin (1995) (Dok. A), u minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal.

Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt redatt min-Nutar Dottor Joseph Debono u datat erba` u ghoxrin (24) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn (2002) (Dok. B).

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom separati minn xulxin

ghal dawn l-ahhar tnax-il sena illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

Illi nforza tal-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni personali, l-esponenti ddekadew mill-obbligu reciproku tal-manteniment, u ghaldaqstant l-ebda manteniment ma huwa dovut lil xulxin.

Illi l-kontendenti ghandhom zewgt itfal li ghadhom minuri, u l-manteniment taghhom ghadu qieghed jithallas skond l-kuntratt tas-separazzjoni personali precitat.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta’ Settembru, 2012;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-affidavit bix-xhieda tal-intimata illi permezz taghha ikkonfermat dak kollu premess mir-rikorrenti fir-rikors promotur guramentat tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta’ Ottubru 2002 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------